MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru 10/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Aldo Cassar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Aldo Cassar ta’ 33 sena, bin Edgar u Cettina nee’ Falzon, imwieled il-Pieta’ fit-12 ta’ Awwissu, 1975 u residenti fil-fond imsejjah ‘Capinera’, Triq il-Mitjar, Hal Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 501475(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

A) Filwaqt li kien hdejn ir-residenza tieghu, li jinsab fi Triq il-Mitjar gewwa Hal Luqa, nhar il-5 ta' Ottubru, 2007, ghal habta tas-7.30 ta' filghaxija, volontarjament ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta' l-ghamla Skoda, mudell Favorit u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: CAS-831, liema danni jammontaw ghal 151.41 euro, ghad-dannu ta' George Coleiro minn Hal-Luqa u persuni ohra.

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficcjal pubbliku ghamel reat li jellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir tieghu li jimpedixxi milli jsiru tali reati.

C) Nhar il-5 ta' Ottubru 2007, ghal habta tas-7.30 ta' filghaxija, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b' tali mgieba tieghu, ser tikkaguna lil haddiehor biza'.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Jannar, 2009 (esebit *a folio* 10 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' April, 2009 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:
Illi f'dan il-kaz l-imputat qed jigi akkuzat talli fil-5 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tas-7.30 p.m. volontarjament

ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Skoda Favorit bin-numru tar-registrazzjoni CAS 831 u dan ghad-dannu ta' George Coleiro. L-imputat jinsab akkuzat ukoll li bl-agir tieghu kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna ta' George Coleiro kif ukoll talli bhala ufficcjal pubbliku ghamel reat li kellu jissorvleja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir.

Illi waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2009 deher il-parti civili George Coleiro li informa lil din il-Qorti li huwa kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u ddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx minhabba l-parentela li kellu mal-imputat.

Illi minn imkien mill-provi migjuba mill-Prosekuzzzjoni ma jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju detat mir-raguni li effettivament l-imputat ikkaguna hsara volontarja fil-vettura ta' George Coleiro jew li huwa bl-agir tieghu kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna ta' George Coleiro jew li altrimenti l-imputat fil-kwalita' tieghu ta' ufficjal pubbliku kkommetta reat li kellu d-dmir li jissorvelja li ma jsirx jew li jwaqqaf. L-unika xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri huma l-Ispettur Jesmond Borg li ovvjament xehed dwar ir-rapport li kien sar lilu mill-parti civili, Stephen Cachia mill-Licensing Office tal-ADT li ta dettalji dwar ir-registrazzjoni tal-vettura msemmija fl-ewwel akkuza u WPS51 Louise Grech li spjegat li l-imputat dahal membru fil-korp tal-Pulizija fis-sena 2000 u ghadu membru tal-Korp sal-llum il-gurnata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Aldo Cassar mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------